MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 11/2003

**Patrick Refalo**

**vs**

**Stephen sive Steve u Jacqueline konjugi Magri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-attur baqalu jiehu bilanc ta’ elf u tnax il-lira (Lm 1,012) dovuti lilu ta’ xoghol ta’ installazzjoni ta’ dawl u ilma u fornitura ta’ materjal, liema appalt sar fuq inkarigu tal-konvenuti u gie esegwit fil-fond bla numru pero bl-isem “Il-Palma”, Sdieri Street, Gharb, Ghawdex. Peress illi l-istess konvenuti ghalkemm dejjem ipprometew li sejrin ihallsu l-bilanc minnhom dovut, dawn baqghu inadempjenti. Jghidu l-istess konvenuti ghaliex m’ghandhomx jigi kkundannati li jhallsu lill-attur il-bilanc ta’ elf u tnax il-lira (Lm1,012) ghar-raguni hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet mid-data ta' meta tlesta x-xoghol sal-hlas effettiv."

Ra r-risposta preliminari li dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici *ratione valoris* in kwantu il-bilanc pretiz mill-attur jifforma parti minn kuntratt ta' appalt li l-valur tieghu jizboq l-Lm1500; u, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt il-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawza, ix-xoghol ma giex ezegwit skond l-arti u s-sengha.

Ikkunsidra:

Illi skond Artiklu 7(2) ta' Kap 380 it-Tribunal ghandu jissospendi l-procedimenti quddiemu jekk it-talba tigi opposta permezz ta' eccezzjoni li tinvolvi materja li hija barra mill-kompetenza tat-Tribunal. Kif tajjeb intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) (Ghawdex) f'sentenza tat-12 ta' Dicembru, 2002 **Saviour sive Sammy Mercieca u Angela Mercieca vs Carmel sive Charlie Galea:**

"Id-dottrina procedurali tirrikonoxxi sitwazzjonijiet fejn il-kompetenza ma tiddependix mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni. Din hi prassi forensika pjuttost komuni, kif ravvizat minn dawn l-ezemplari: "**Oscar Busuttil noe –vs- Giuseppe Camilleri noe**", Prim'Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1952; "**Margherita Rizzo –vs- Edgar Zahra**", Appell, Sede Inferjuri, 10 ta' Jannar 1953; "**Maria Grazia Pullicino et – vs- Assuero Ellul**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Ottubru 1966. *Dan jista' jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba bhala konsegwenza tal-eccezzjoni moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha li tikkonsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha*" – "**Anthony Zammit –vs- Joseph Ellul noe**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju, 1996."

Fil-kaz hawn trattat, in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut, id-dibattitu quddiem dan it-Tribunal ma huwiex sejjer ikun izolat u limitat biss ghall-bilanc reklamat mill-atturi imma l-

kwistjoni jkollha ta’ bilfors, “ope exceptionis”, tigi deciza fl-isfond tan-negozju intier u cioe’ jekk l-attur adempiex l-obbligazzjoni tieghu li jesegwixxi x-xoghol skond is-sengha u l-arti. Li jfisser li n-negozju guridiku kollu intervenut bejn il-partijiet kien jehtieg jigi approfondit u mhux biss il-bilanc li l-atturi dehrilhom li kien ghadu dovut. “*Dan ghalhekk ifisser illi l-kontestazzjoni kienet tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar*” (“**Antonia Attard Gialanze –vs- Rita Borg**”, Appell, 23 ta’ Frar 2001; “**Joseph Cassar –vs- Air Malta Co. Ltd.**”, Appell, 22 ta’ Novembru 1996).

Ghaldaqstant b’applikazzjoni tal-Artikolu 8 (3) ta’ Kap 380 it-Tribunal qieghed jissospendi s-smiegh ta’ din il-kawza u jipprefiggi terminu ta’ tmint ijiem biex il-konvenuti jipproponu l-azzjoni opportuna; jiddiferixxi l-kawza ‘sine die’ riappuntabbli b’rikors minn xi parti wara li tkun finalment giet deciza mill-qorti kompetenti l-kawza li ghandhom jipproponu l-konvenuti fiz-zmien lilhom moghti, jew f’kaz li jaghzlu li hekk ma jaghmlux, appena jiskadi dak l-istess terminu inutilment.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM------------------------------